MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 399/2008

**Direttur Ufficcju Kongunt**

**vs**

**Natale Falzon (ID87362M)**
**u Helen Mary Muscat Doublesin (ID590650M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti ssottomettew:

Illi fis-16 ta' April, 2008 huma gew notifikati b'ittra ufficjali a tenur ta' l-Artiklu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huma jopponu t-talba billi jipprezentaw dan ir-rikors li fih qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti illi t-talba maghmula mid-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan a tenur ta' l-Artiklu 466(2) tal-Kap. 12;

Illi l-gudizzju m'huwiex integru stante illi proprjetarji ohra ta' l-art in kwistjoni flimkien mar-rikorrenti ghandhom jigu citati stante illi parti ndiviza mit-Tigullio Restaurant and Discotheque f'Gnien Fieres, Spinola, San Giljan huwa proprjeta' ta' J & A Investment Ltd, u F & X Developments Ltd.

Illi l-azzjoni odjerna a tenur ta' l-Artikolu 2156(A) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija preskritta ghall-hlas tac-cens ghall-perjodu mill-15 ta' Awissu, 1995 sa l-14 ta' Awissu, 2002, biex b'hekk is-somma rikjesta mill-istess direttur ta' l-ufficcju kongunt m'hijiex dovuta skond il-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi t-talba maghmula mid-Direttur ta' l-Ufficcju Kongunt hija wahda nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ir-rikorrenti ghandhom jigu liberati mill-ossevanza tal-gudizzju ghar-ragunijiet fuq imsemmija u/jew m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu l-ammont mitlubl fl-interita' tieghu stante li l-maggor parti tieghu huwa preskritt skond il-ligi u minhabba l-fatt illi l-gudizzju mhux integru ghax proprjetarji ohra ghandhom jigu msejha biex ihallsu sehemhom ta' dik il-parti li m'hijiex preskritta u dan skond il-ligi.

Rat ir-**risposta ta' l-intimat** a fol. 7 tal-process fejn espona:

Illi l-pretenzjonijiet ta' l-intimati fil-konfront ta' l-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda stante illi:

i. Il-proprjeta’ in kwistjoni hija moghtija b’titolu ta’ cens temporanju lill-intimati biss kif huwa kkonfermat mill-kuntratt ta’ divizjoni fl-Atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt tal-31 ta’ Awissu 1988, liema kopja tal-kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat Dok. A, u kif ukoll huwa kkonfermat mill-property form mibghuta mill-Ufficcju Kongunt mill-entita’ ekklezjastika li turi li huma biss Natale Falzon u Helena Maria Muscat Doublesin l-enfitewti rikonoxxuti fuq l-art in kwistjoni, liema kopja tal-property form qieghda tigi annessa u mmarkata Dok. B;

ii. l-imsemmi cens temporanju qatt ma gie tterminat u ghalhekk l-intimati kienu jafu li c-cens kien u ghadu dovut lill-Ufficcju Kongunt fejn huma kienu ghamlu pagamenti ohra qabel il-15 ta’ Awissu 1995;

iii. l-intimati kienu gew infurmati bl-arretrati dovuti permezz ta’ ittra datata 28 ta’ Awissu 2007, liema ittra qieghda tigi annessa u mmarkata Dok. C.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti qieghed jitlob bir-rispettt lil din l-Onorabbli Qorti biex tichad it-talbiet ta’ l-intimati, tiddikjara li l-ammont huwa dovut u tikkundannahom ihallsu l-ammont kif pretiz, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni;

**Konsiderazzjonijiet**

Fir-rikors taghhom r-rikorrenti issottomettew li t-talba ta’ l-intimat a tenur ta’ l-artikolu 466(2) tal-Kap 12 hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2156(A) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana riferibilment ghall-hlas tac-cens ghall-perjodu mill-15 ta’ Awissu, 1995 sa l-14 ta’ Awissu, 2002, biex b’hekk is-somma rikjesta mill-istess direttur ta’ l-ufficcju kongunt m’hijiex dovuta kollha.

Fis-seduta tal 25 ta’ Gunju 2008 l-intimat ghazel li jaghti l-gurament decizjorju lir-rikorrent Natale Falzon u dana xehed u ddikjara li “Jien li ghandi naghti bhala cens ta’ dawn l-ahhar hames snin”. Meta l-intimat tellgha lir-rikorrent biex jixhed hu ma qghadx ghal formola tal-gurament, u ma ghamilx id-domanda kif tirrikjedi l-ligi cjoe jekk ir-rikorrent hux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga giet imhallsa.

Skond l-artikolu 2160 (1) tal-Kodici Civili, Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m’ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa. Skond gurisprudenza kostanti ta’ dawn il-Qrati:

*"Il-preskrizzjoni tista' tigi mwaqqa' mhux biss bil-gurament decizorju, izda wkoll billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita mhiex ammissibili, jew billi kien hemm sospensjoni jew interuzzjoni taghha.*

*Meta l-konvenut jopponi l-prekrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lil konvenut jew b'xi wiehed mill-mezzi ammessi mil-ligi, jigifieri l-inammissibilita', l-interuzzjoni jew is-sospensjoni .*

***Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament, u l-konvenut ikun halef skond il-Ligi, l-attur ma jkunx jista jaghzel mezz iehor****. Wara li jigi moghti l-gurament lid-debitur,* ***il-kreditur*** *lanqas jista' jesigi spjegazzjoni dwar kif thallas id-dejn, izda* ***ghandu joqghod ghall-formola tal-gurament, li huwa inalterabbili****, salva x-xelta ta' wahda miz-zewg alternativi li tmiss pero lid-debitur, cjoe "li mhux debitur" jew " li ma jiftakarx" (Sec 2160(1).*(Ara sentenza Vol 30 p 1 p 998 Gozzi vs Rizzo; App Inf.Tabib Principali tal-Gvern vs Giorgina Muscat 8 ta' Marzu 1978; P.A Roosenthal Hotels Ltd. vs A.Gambin tal 12 ta' Gunju 1992.)

Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tiddeciedi li c-cens li kien dovut oltre dawn l-ahhar hames snin illum huwa preskritt.

**Decizoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi ;
Billi tiddikjara li c-cens li kien dovut oltre dawn l-ahhar hames snin illum huwa preskritt;
Tiddifferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni tal-provi ghas-7 ta' Novembru, 2008 fl-10.15a.m.;
Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------